

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Freddo SA hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 243, 04.07.2016

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Lulju 2017 – AIA vs EUIPO – Casa Montorsi (MONTORSI F. & F.)**

(Kawża T-389/16) <sup>(1)</sup>

[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità — Trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali MONTORSI F. & F. — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti Casa Montorsi — Raġuni relattiva għal dikjarazzjoni ta’ invalidità — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 53(1)(a) u Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Ftehim ta’ koeżistenza tat-trade marks — Portata — Artikolu 53(3) tar-Regolament Nru 207/2009”]

(2017/C 283/65)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Rikorrenti: Agricola italiana alimentare SpA (AIA) (San Martino Buon Albergo, l-Italja) (rappreżentant: S. Rizzo, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: L. Rampini, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Casa Montorsi Srl (Vignola, l-Italja) (rappreżentanti: S. Vereia, K. Muraro u M. Balestriero, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO, tat-28 ta' April 2016 (Każ R 1239/2014-1), dwar proċedimenti ta' dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Casa Montorsi u AIA.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Agricola italiana alimentare SpA (AIA) hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 335, 12.9.2016.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Lulju 2017 – Windfinder R&L vs EUIPO (Windfinder)**

(Kawża T-395/16) <sup>(1)</sup>

[“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali Windfinder — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Assenza ta’ karattru deskrittiv — Karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Neoloġiżmu — Rabta mhux suffiċjentement diretta u konkreta ma’ ċerti prodotti u servizzi msemmija mill-applikazzjoni għat-trade mark — Setgħa ta’ riforma”]

(2017/C 283/66)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Rikorrenti: Windfinder R&L GmbH & Co. KG (Kiel, il-Ġermanja) (rappreżentant: B. Schneider, avukat)